

Brussell, 5 ta' Marzu 2021  
(OR. en)

6366/21

CES 1

**ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru tal-Kumitat Ekonomiku u  
Soċjali Ewropew

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

### li taħtar membru tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 300(2) u l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/853 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mir-Repubblika Ċeka,

Wara li kkonsulta lill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 15.

Billi:

- (1) Il-mandat tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew skada fl-20 ta' Settembru 2020.
- (2) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1392<sup>1</sup> li ħatret il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, u li ħassret id-Deċiżjoni tal-Kunsill li ħatret il-membri ta' dak il-Kumitat għall-istess perijodu. Fit-22 ta' Ottubru 2020, fit-30 ta' Ottubru 2020 u fit-13 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta tliet Deċiżjonijiet oħra li ħatru membri ta' dak il-Kumitat għal dak il-perijodu<sup>2</sup>. Baqa' vakanti siġġu wieħed fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għar-Repubblika Ċeka u jeħtieġ li jimtela' b'deċiżjoni ta' ħatra sussegwenti.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1392 tat-2 ta' Ottubru 2020 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill- 21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill- 21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 adottata fit-18 ta' Settembru 2020 (ĠU L 322, 5.10.2020, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1555 tat-22 ta' Ottubru 2020 li taħtar membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 (ĠU L 355, 26.10.2020, p. 1), id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1636 tat-30 ta' Ottubru 2020 li taħtar membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 (ĠU L 369, 5.11.2020, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1709 tat-13 ta' Novembru 2020 li taħtar żewġ membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 (ĠU L 385, 17.11.2020, p. 16).

- (3) Permezz ta' ittra tas-7 ta' Diċembru 2020, ir-Repubblika Ċeka kkonfermat in-nomina tas-Sur Jaroslav UNGERMAN għall-ħatra bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025. Dak il-membru jenħtieġ li jinħatar għall-bqija tal-mandat kurrenti, li jiddekorri sal-20 ta' Settembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Jaroslav UNGERMAN, konsulent u analist speċjalizzat fl-ekonomija u l-ippjanar strateġiku, huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat kurrenti, li jiddekorri sal-20 ta' Settembru 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---